42001A1121(01)

C 326/2 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 21.11.2001

PROTOKOLL,

stabbilit mill-Kunsill skond l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni dwar l-għajnuna reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea

IL-PARTIJIET GĦOLJA KONTRAENTI għal dan il-Protokoll, l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea,

JIRREFERU għall-Att tal-Kunsill tas-16 ta' Ottubru 2001 li jistabbilixxi l-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Għajnuna Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea,

JIKKONSIDRAW il-konklużjonijiet adottati fil-Kunsill Ewropew li ltaqgħa fi Tampere nhar il-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, u tal-ħtieġa li jkunu mplementati immedjetament sabiex tkun milħuqha ż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizja,

IŻOMMU F'MOĦĦHOM ir-rakkoammandazzjonijiet magħmula mill-esperti meta jippreżentaw ir-rapporti reċiproki ta' l-evalwazzjoni bbażati fuq l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 97/827/JHA tal-5 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi mekkaniżmu għall-evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni u l-implementazzjoni f'livell nazzjonali l-impenji fil-ġlieda kontra l-krimini organizzati ([1]),

KONVINTI bil-ħtieġa ta' miżuri addizzjonali fil-qasam ta' l-għajnuna reċiproka f'materji kriminali għall-iskop tal-ġlieda kontra l-krimini, inklużi partikolarment il-krimini organizzati, ħasil tal-flus u l-krimini finanzjarji,

FTIEHMU DWAR DAWN ID-DISPOŻIZZJONIJIET LI ĠEJJIN, li għandhom ikunu annessi ma, u jifformaw parti integrali ma, il-Konvenzjoni dwar l-Għajnuna Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea tad-29 ta' Mejju 2000 ([2]), minn hawn 'il quddiem msemmija bħala il-"Konvenzjoni dwar l-Għajnuna Reċiproka 2000";

Artikolu 1

Talba għall-informazzjoni dwar kontijiet bankarji

1. Kull Stat Membru għandu, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiddetermina, bħala tweġiba għal talba mibgħuta minn Stat Membru ieħor, jekk persuna naturali jew legali li tkun suġġetta għall-investigazzjoni kriminali jkollhiex u tkunx tikkontrolla wieħed jew aktar kontijiet, ta' kwalunkwe natura, fi kwalunkwe bank lokalizzat fit-territorju tiegħu u, jekk hekk, jipprovdi d-dettalji kollha tal-kontijiet identifikati.

L-informazzjoni għandha wkoll, jekk tkun mitlubha u sal-limitu li din tista tkun ipprovdutha matul perijodu raġjonevoli ta' żmien, tinkludi l-kontijiet li dwarhom il-persuna li tkun suġġetta għall-proċedimenti jkollha prokura.

2. L-obbligu stabbilit f'dan l-Artikolu għandu jkun applikabbli biss sal-limitu li l-informazzjoni tkun disponibbli fil-bank li jkollu l-kont.

3. L-obbligu stabbilit f'dan l-Artikolu għandu jkun applikabbli biss jekk l-investigazzjoni tikkonċerna:

— offiża li ġġorr magħha penali li tkun tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni ta' perijodu massimu ta' mill-anqas erba snin fl-Istat li jressaq it-talba u mill-anqas sentejn fl-Istat li lilu tkun saret it-talba, jew

— offiża msemmija fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tal-1995 dwar l-Istabbiliment ta' l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (il-Konvenzjoni Europol), jew inkella fl-Anness ta' dik il-Konvenzjoni, kif emendata, jew

— sal-limitu li din ma tkunx possibli li tkun koperta bil-Konvenzjoni Europol, offiża msemmija fil-Konvenjoni tal-1995 dwar il-Protezzjoni ta' l-Interessi Finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll 1996 tagħha, jew it-Tieni Protokoll 1997 tagħha.

4. L-awtorità li tressaq it-talba għandha, fit-talba:

— tistqarr il-għala hija tqis li l-informazzjoni mitlubha aktarx li tkun ta' valur sostanzjali għall-iskop ta' l-investigazzjoni f'dik l-offiża;

— tistqarr fuq liema bażi hija tissoponi li l-banek fl-Istat Membru li lilu tkun saret it-talba jkollhom il-kont u, sa kemm disponibbli, liema banek jistgħu ikunu involuti;

— tinkludi kwalunwe informazzjoni disponibbli li tista tiffaċilita l-eżekuzzjoni tat-talba.

5. L-Istati Membri jistgħu iwettqu l-eżekuzzjoni ta' talba bi qbil ma dan l-Artikolu bil-kondizzjoni ta' l-istess kondizzjonijiet hekk kif huma japplikaw fir-rigward ta' talbiet għal tfittix u qbid.

6. Il-Kunsill jista jiddeċiedi, bis-saħħa ta' l-Artikolu 34(2)(ċ) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, li jestendi l-iskop tal-paragrafu 3.

([1]) ĠU L 344, 15.12.1997, p. 7.
([2]) ĠU C 197, 12.7.2000, p. 3.

Artikolu 2

Talbiet għall-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet bankarji

1. Fuq talba ta' Stat li jitlob għall-informazzjoni, l-Istat mitlub għandu jipprovdi l-partikolaritajiet tal-kontijiet bankarji speċifikati u ta' l-operazzjonijiet bankarji li jkunu twettqu matul il-perijodu speċifikat permezz ta' wieħed jew aktar kontijiet speċifikati fit-talba, li jinkludu l-partikolaritajiet ta' xi kont li minnu jkunu ħarġu l-flus jew li jkun irċieva l-flus.

2. L-obbligu stabbilit f'dan l-Artikolu għandu jkun applikabbli biss sal-limitu li l-informazzjoni tkun disponibbli fil-bank li jkollu l-kont.

3. L-Istat Membru li jressaq it-talba ghandu, fit-talba tieghu, jindika il-għala huwa jqis li l-informazzjoni mitlubha tkun relevanti għall-iskop ta' l-investigazzjoni fl-offiża.

4. L-Istati Membri jistgħu iwettqu l-eżekuzzjoni ta' talba bi qbil ma dan l-Artikolu bil-kondizzjoni ta' l-istess kondizzjonijiet hekk kif huma japplikaw fir-rigward ta' talbiet għal tfittix u qbid.

Artikolu 3

Talbiet għal monitoraġġ ta' tranżazzjonijiet bankarji

1. Kull Stat Membru ghandu jimpenja ruħu li jassigura li, mat-talba ta' Stat Membru ieħor, ikunu jista jissorvelja, matul perijodu speċifikat, l-operazzjoniet bankarji li jkunu jitwettqu minn wieħed jew aktar kontijiet speċifikati fit-talba u li jikkomunika r-riżultati lejn l-Istat Membru li jkun ressaq it-talba.

2. L-Istat Membru li jressaq it-talba ghandu, fit-talba tieghu, jindika il-għala huwa jqis li l-informazzjoni mitlubha tkun relevanti għall-iskop ta' l-investigazzjoni fl-offiża.

3. Id-deċiżjoni li sseħħ is-sorvelja għandha tittieħed, f'kull każ individwali, mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-mitlub, billi tkun meqjusha l-liġi nazzjonali ta' dak l-istat membru.

4. Id-dettalji prattiċi li jirrigwardjaw is-sorveljar għandhom ikunu mifthiema bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jressqu t-talba u li jirċevuha.

Artikolu 4

Kunfidenzalità

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jassigura li l-banek ma jiżvelawx lejn il-klient bankarju kkonċenat jew lejn xi persuni terzi li l-informazzjoni tkun ġiet trasmessa lejn l-Istat li jkun talab għaliha b'konformità ma l-Artikoli 1, 2 jew 3 jew li l-investigazzjoni tkun qiegħdha titwettaq.

Artikolu 5

Obbligu li titwassal l-informazzjoni

Jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun irċieva t-talba, fl-eżekuzzjoni ta' talba għall-għajnuna reċiproka, tqis li jista jkun xieraq li twettaq investigazzjonijiet li ma jkunux oriġinalment previsti, jew li ma setgħux ikunu speċifikati meta tkun saret it-talba, hija għandha tinforma immedjatament lill-awtorità li tkun resqet it-talba, kif xieraq, sabiex din tkun tista tieħu azzjoni ulterjuri.

Artikolu 6

Talbiet addizjonali għal għajnuna reċiproka

1. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jressaq it-talba tagħmel talba għal għajnuna reċiproka li tkun b'żieda ma talba preċedenti, din m'għandhiex tkun meħtieġa li terġa tipprovdi l-informazzjoni li diġà tkun ipprovdiet fit-talba inizjali. It-talba addizjonali għandha jkollha l-informazzjoni meħtieġa għall-iskop li tkun identifikata t-talba inizjali.

2. Meta, b'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ, l-awtorità kompetenti li tkun ressqet it-talba għall-għajnuna reċiproka tipparteċipa fl-eżekuzzjoni tat-talba fl-Istat Membru l-mitlub, hija tista, mingħajr preġudizju għall-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-Għajnuna Reċiproka, tressaq talba addizzjonali direttament lejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-mitlub sa kemm din tkun preżenti f'dak l-Istat.

Artikolu 7

Segretezza bankarja

Stat Membru m'għandux jinvoka s-segretezza bankarja bħala raġuni taċ-ċaħda għal xi kooperazzjoni fir-rigward ta' talba għal għajnina reċiproka minn għand Stat Membru ieħor.

Artikolu 8

Offiżi fiskali

1. L-għajnuna reċiproka ma tistgħax tkun miċħuda sempliċement fuq il-bażi li dik it-talba tkun tikkonċerna offiża li l-Istat Membru l-mitlub ikun iqis bħala offiża fiskali.

2. Jekk Stat Membru li jkun wettaq l-eżekuzzjoni ta' talba għal tfittix u l-qabda dipendenti mal-kondizzjoni li l-offiża li twassal għat-talba tkun ukoll reatt ikkastigat skond il-liġi tiegħu, din il-kondizzjoni għandha tkun imwettqa, f'dak li jirrigwardja l-offiżi msemmi fil-paragrafu 1, jekk l-offiża tkun tikkorrespondi ma' offiża ta' l-istess natura skond il-liġi tiegħu.

It-talba ma tistax tkun miċħudha fuq il-bażi li l-liġi tal-Istat Membru l-mitlub ma tkunx timponi l-istess tip ta' taxxa jew dazju jew li ma jkunx fiha regolamenti ta' taxxa, dazju, dwana jew kambju ta' l-istess tip bħal-liġi tal-Istat Membru li jkun għamel it-talba.

3. l-Artikolu 50 tal-Konvenzjoni ta' l-Implementazzji Schengen huwa b'dan imħassar.

Artikolu 9

Offiżi politiċi

1. Għall-iskopijiet ta' l-għajnuna legali reċiproka bejn l-istati Membri, l-ebda offiża ma tista' tkun meqjusa mill-Istat Membru l-mitlub bħala offiża politika, offiża konnessa ma offiża politika jew offiża ispirata b'mottivi politiċi.

2. Kull Stat membru jista', meta jirċievi n-notifika msemmija fl-Artikolu 13(2), jiddikjara li huwa jkun sejjer japplika l-paragrafu 1 biss b'reazzjoni ma:

(a) l-offiżi msemmija fl-Artikoli 1 u 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Suppressjoni tat-Terrorriżmu tas-27 ta' Jannar 1977; u

(b) offiżi ta' konfoffa jew assoċċjazzjoni, li jikkorrespondu għad-deskrizzjoni ta' l-imġieba msemmija fl-Artikolu 3(4) tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1996 li tirrigwardja l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, li tit-wettaq waħda jew aktar mill-offiżi msemmija fl-Artikoli 1 u 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Suppressjoni tat-Terrorriżmu.

3. Ir-riżervi magħmula bis-saħħa ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Suppressjoni tat-terrorriżmu m'għandhomx ikunu applikabbli għall-għajnuna legali reċiproka bejn l-Istati Membri.

Artikolu 10

Twassil taċ-ċaħdiet lejn il-Kunsill u l-involviment tal-Eurojust

1. Jekk talba tkun miċħudha fuq il-bażi ta':

— l-Artikolu 2(b) tal-Konvenzjoni Ewropea ta' Għajnuna Reċiproka jew l-Artikolu 22(2)(b) tat-Trattat Benelux, jew

— l-Artikolu 51 tal-Konvenjoni ta' l-Implementazzjoni Schengen jew l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ta' l-Għajnuna Reċiproka, jew

— l-Artikolu 1(5) jew l-Artikolu 2(4) ta' dan il-Protokoll,

u l-Istat Membru li jressaq it-talba jinsisti dwar it-talba tiegħu, u l-ebda soluzzjoni ma tinstab, deċiżjoni iġġustifikata dwar iċ-ċaħda tat-talba għandha tkun mibgħuta lejn il-Kunsill għall-informazzjoni mill-Istat Membru l-mitlub, għal evalwazzjoni possibbli tal-funzjoni ta' koperazzjoni ġuridika bejn l-istati Membri.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat membru li jressaq it-talba jistgħu iressqu rapport lill-Eurojust, la darba jkun ġie stabbilit, kwalunkwe problema li jiltaqgħu magħha li tkun tikkonċerna l-eżekuzzjoni ta' talba b'reazzjoni mad-dispożizzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 għal soluzzjoni prattika possibbli b'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-istrument li jistabbilixxi l-Eurojust.

Artikolu 11

Riżervi

L-ebda riżervi m'għandhom ikunu ippreżentati dwar dan il-Protokoll, apparti milli minn dawk li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 9(2).

Artikolu 12

Applikazzjoni territorjali

L-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll lejn Ġibilta għandha tidħol fis-seħħ meta l-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-Għajnuna Reċiproka tkun daħlet fis-seħħ f'Ġibilta, bi qbil ma l-Artikolu 26 ta' dik il-Konvenzjoni.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jkun suġġett għall-adozzjoni mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar it-twettieq tal-proċeduri kostituzzjonali għall-adozzjoni ta' dan il-Protokoll.

3. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ it-tmin Stati Membri ikkonċernati, 90 jum wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 2 mill-Istat, membru ta' l-Unjoni Ewropea fil-waqt ta' l-adozzjoni mill-Kunsill ta' l-Att li jistabbilixxi dan il-Protokoll, li jkun it-tmin wieħed li jwettaq dik il-formalità. Jekk, b'dana kollu, il-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-Għajnuna Reċiproka ma tkunx daħlet fis-seħħ f'dik id-data, dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ.

4. Kwalunkwe notifika minn Stat Membru, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, bis-saħħa tal-paragrafu 3, għandha jkolla l-effett li, 90 jum ta' wara tali notifika, dan il-Protokoll ikun daħal fis-seħħ bħal bejn dak l-Istat Membru u dawk l-Istati Membri li dwarhom dan il-Protokoll ikun diġà daħal fis-seħħ.

5. Qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll bis-saħħa tal-paragrafu 3, kwalunkwe Stat Membru jista, meta jwassal in-notifika msemmija fil-paragrafu 2 jew fi kwalunkwe waqt wara dan, jiddikjara li huma jkun sejjer japplika dan il-Protokoll fir-relazzjonijiet tiegħu kollha mal-Istati Membri li jkunu għamlu l-istess dikjarazzjoni. Tali dikjarazzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ 90 jum wara d-data tad-depożitu tagħhom.

6. Minkejja l-paragrafi 3 sa 5, id-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll m'għandux ikollu effett fir-relazzjonijiet bejn kwalunkwe żewġ Stati Membri qabel id-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-Għajnuna Reċiproka bejn dawn l-Istati Membri.

7. Dan il-Protokoll għandu jkun applikabbli għall-għajnuna reċiproka mibdija wara d-data li fiha jidħol fis-seħħ, jew meta jkun applikat bis-saħħa tal-paragrafu 5, bejn l-Istati Membri ikkonċernati.

Artikolu 14

Stati Aderenti

1. Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni minn kwalunkwe Stat li jkun sar membru ta' l-Unjoni Ewropea u li jissieħeb mal-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-Għajnuna Reċiproka.

2. It-test ta' dan il-Protokoll fil-lingwa tal-Istat li jissieħeb, imħejji mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

3. L-istrument ta' l-adeżjoni għandu jkun depożitat mad-depożitarju.

4. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fir-rigward ta' kwalunkwe Stat li jissieħeb miegħu 90 jum wara d-depożitu tal-istrument ta' l-adeżjoni tiegħu jew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll jekk ma jkunx diġa daħal fis-seħħ fil-waqt ta' l-iskadenza ta' l-imsemmi perijodu ta' 90 jum.

5. Meta dan il-Protokoll ikun għadu ma daħalx fis-seħħ fil-waqt tad-depożitu ta' l-istrument tagħhom ta' l-Adeżjoni, l-Artikolu 13(5) għandu jkun applikabbli għall-Istati Membri li jissieħbu.

6. Minkejja l-paragrafi 4 u 5, id-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll fir-rigward ta' Stat li jissieħeb m'għandhiex ikollha effett qabel id-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-Għajnuna Reċiproka fir-rigward ta' dak l-Istat.

Artikolu 15

Il-Posizzjoni ta' l-Iżlanda u n-Norveġja

L-Artikolu 8 għandu jikkostitwixxi miżuri ta' emenda jew ibbażati fuq il-protokoll msemmi fl-Anness A tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea mar-Repubblika ta' l-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-assoċċjazzjoni ta' dawn it-tnejn ma l-implementazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis Schengen [1] (minn hawn il-quddiem msemmi bħala il-"Ftehim ta' l-Assoċċjazzjoni").

Artikolu 16

Id-dħul fis-seħħ għall-Iżlanda u n-Norveġja

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' l-Assoċċjazzjoni, id-disposizzjoni msemmija fl-Artikolu 15 għandha tidħol fis-seħħ għall-Iżlanda u n-Norveġja 90 jum wara l-wasla għand il-Kunsill u l-Kummissjoni ta' l-informazzjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 8(2) tal-Ftehim ta' l-Assoċċjazzjoni mat-twettiq tal-ħtiġiet kostituzzjonali tagħhom, fir-relazzjonijiet reċiproki tagħhom ma kwalunkwe Stat Membru li dwaru dan il-Protokoll ikun diġa daħal fis-seħħ bis-saħħa ta' l-Artikolu 13(3) jew (4).

2. Kwalunkwe dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll għal Stat Membru wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-disposizzjoni msemmija fl-Artikolu 15 għall-Iżlanda u n-Norveġja, għandu jwassal li dik id-disposizzjoni tkun ukoll applikabbli fir-relazzjonijiet reċiproki bejn dak l-Istat Membru u l-Iżlanda u n-Norveġja.

3. Id-dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 15 għandha fi kwalunkwe każ ma tkunx torbot fuq l-Iżlanda u n-Norveġja qabel id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-Għajnuna Reċiproka fir-rigward ta' dawk iż-żewġ Stati.

4. Mingħajr preġudizju għall-paragrafi 1, 2 u 3, id-disposizzjoni msemmija fl-Artikolu 15 għandha tidħol fis-seħħ għall-Iżlanda u n-Norveġja mhux aktar tard mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll għall-ħmistax-l-Istat, li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea fil-waqt ta' l-adozzjoni mill-Kunsill ta' l-Att li jistabbilixxi dan il-Protokoll.

Artikolu 17

Depożitarju

Is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandu jaġixxi bħala d-depożitarju ta' dan il-Protokoll.

Id-depożitarju għandu jippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, informazzjoni dwar il-progress ta' l-adozzjonijiet u l-adeżjonijiet, dikjarazzjonijiet u wkoll xi notifika oħra li tikkonċerna dan il-Protokoll.

B'XIEHDA TA' DAN, il-Plenipotenzarji hawn taħt iffirmati, wettqu l-firma tagħhom.

Magħmul fil-Lussemburgu, nhar is-16 ta' Ottubru 2001 f'kopja waħda fid-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Portugiż, l-Ispanjol u l-Iżvediż, kull test ikun ugwalment awtentiku, l-oriġinal ikun iddepożitat fl-arkivji tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jwassal kopja ċertifikata lejn kull wieħed mill-Istati membri.

[1] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

Pour le gouvernement du Royaume de Belgique
Voor de Regering van het Koninkrijk België
Für die Regierung des Königreichs Belgien



For regeringen for Kongeriget Danmark

Für die Regierung der Bundesrepublik Deutschland



Για την κυβέρνηση της Ελληνικής Δημοκρατίας



Por el Gobierno del Reino de España



Pour le gouvernement de la République française



Thar ceann Rialtas na hÉireann
For the Government of Ireland



Per il governo della Repubblica italiana



Pour le gouvernement du Grand-Duché de Luxembourg



Voor de Regering van het Koninkrijk der Nederlanden

Für die Regierung der Republik Österreich



Pelo Governo da República Portuguesa



Suomen hallituksen puolesta
På finska regeringens vägnar



På svenska regeringens vägnar



For the Government of the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland